7 ta' Ottubru, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. Edoardo Vassallo ne. et. *versus* Edward Lewis Galea et. (*)

**Arbitraġġ — Kompromess — Mandat — Lodo — Nullità — Eredità Ġjaċenti — Assunzjoni ta' l-Atti — Art. 985 (2) u 968 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk f'kawża hija konvenuta eredità ġjaċenti, u in segwitu għal dik il kawża, u konsegwenzjalment għaliha, issir kawża oħra fejn jaġixxu l-eredi tal-persuna li tagħha l-eredità kienet ġjaċenti fil-kawża preċedenti, dawk l-eredi jistgħu jaġixxu mingħajr ma għandhom bżonn jassumu l-atti tal-kawża preċedenti.*

*Il-kompromess huwa kuntratt ta' natura partikolari, li għandu r-regoli u l-isem tiegħu partikulari, u li għandu ċerta analoġija mat-transazzjoni. Tant hu hekk illi l-lodo mhux impunjabili ħlief fil-każijiet li fihom jista' jiġi mpunjat att ta' transazzjoni.*

*Għaldaqstant jista' jikkomprometti biss min jista' jittransiġi; jew aħjar, il-kondizzjonijiet rikjesti għall-validità tal-kompromess huma l-istess bħal dawk tat-transazzjoni; u huwa null l-att tan-nomina ta' l-arbitru magħmul minn amministratur jew minn kull min ma jistax jiddisponi liberament mill-ħaġa li fuqha tkun il-kwistjoni.*

*Il-mandatarju jista' jikkomprometti fl-interess tal-mandant tiegħu, purkè għal dan l-iskop il-mandat ikun mhux biss espress, imma wkoll speċjali; jiġifieri li mhux biżżejjed li l-mandatarju jkollu l-fakoltà ġenerika li jikkomprometti u jittransiġi, imma hija meħtieġa l-fakoltà speċjali li jikkomprometti jew jittransiġi l-pendenza partikulari li tkun fil-kwistjoni.*

*Għaldaqstant in-nomina ta' arbitru magħmula minn mandatarju li ma kellux il-fakoltà speċjali li jaddiviеni għall-kompromess partikulari fuq il-vertenza in kwistjoni minn għand il-mandanti tiegħu, hija nulla; u kwindi huwa null ukoll il-lodo magħmul minn dak l-arbitru hekk nominat.*

*U jekk il-lodo huwa null għar-rigward ta' parti waħda, huwa null ukoll għar-rigward tal-parti l-oħra.*

**Il-Qorti**, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, fil-kwalità fuq imsemmija, wara li jitiieħed kull provvediment li jkun hemm bżonn u wara li ssir kull dikjarazzjoni neċessarja,

(*) Deżerta fl-Appell, 27. 10. 1952.

wara li ppremettew illi Dottor Edoardo Vassallo, fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tal-lum mejta Laura Galea, u l-konvenuti, fl-4 ta' Ġunju 1947, iffirmaw l-iskrittura hawn annessa (dok. A), li fuqha l-Professur Dottor Victor Caruana Galizia ta r-riżultat, ossija lodo; u illi din in-nomina ta' l-arbitru għall-fini tal-lodo hija nulla, għax skond il-liġi l-att tan-nomina għandu jiġi firmat mill-partijiet interessati, u mhux mill-mandatarju tagħhom; u illi Laura Galea ma ffirmatx in-nomina ta' l-arbitru personalment, imma per mezz tal-mandatarju tagħha; u illi l-konvenut Edward Lewis Galea ma għandu ebda interess fl-oġġett ta' l-iskrittura, imma interessati huma wliedu "ex matre"; u illi għaldaqstant il-lodo li ġie mogħti in forza ta' l-iskrittura fuq imsemmija, li huwa null, ma jistax ikollu effett legali; talbu illi jiġi dikjarat minn dina l-Qorti li għar-raġunijiet fuq esposti (1) in-nomina ta' l-arbitru hija nulla, kif magħmula bl-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 1947, u (2) il-lodo pronunzjat mill-Professur Dottor Victor Caruana Galizia fl-14 ta' Lulju 1947 (dok. B) huwa konsegwentement anki null, u ma jistax joħroġ effetti legali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Edoardo Galea, li biha jeċċepixxi: (1) illi dina l-kawża ma setgħetx tiġi proposta mill-atturi bħala eredi ta' Laura Galea, qabel ma huma jassumu l-atti tal-kawża "Vassallo vs. Galea" deċiża in parti minn dina l-Qorti fil-25 ta' Marzu 1950, fejn l-eredità stess tidher ġjaċenti u rappreżentata minn kuraturi, (2) ..................;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Edward L. Galea u l-attijiet tal-kawża "Galea vs. Vassallo", deċiża minn dina l-Qorti fil-25 ta' Marzu 1950, li għalihom huwa għamel riferenza;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-eżami ta' l-attijiet tal-kawża fuq imsemmija li għaliha l-konvenut Edward Galea għamel riferenza, jirriżulta illi Edoardo Montebello Pulis, b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Carmelo Farrugia tal-20 ta' Novembru 1926, ordna favur l-ulied u d-dixxendenti ta' ħutu, ġermani Pulis, xi lega-

ti li l-estensjoni tagħhom, minħabba xi diverġenzi bejn il-kontendenti f'dik il-kawża u f'din tal-lum, ġiet stabbilita in vija ta' kompromess bil-lodo pronunċjat mill-Avukat Professur Victor Caruana, depożitat fir-Reġistru *b'ċedola tat-18 ta'* Lulju 1947. B'dik il-kawża l-konvenuti tal-lum talbu, in kontestazzjoni ta' l-eredità ġjaċenti ta' Laura Galea, rappreżentata mill-Avukat Dr. Edward Vassallo, il-likwidazzjoni ta' l-ammonti dovuti lil-legatarji in forza tad-dispożizzjonijiet dettati mit-testatur fit-testment tiegħu fuq imsemmi;

Illi l-konvenut kien allura eċċepixxa illi l-iskrittura tannomina ta' l-arbitru kienet nulla, u konsegwentement il-lodo *li fuqu l-atturi ta'* allura kienu qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni ma kellux effett legali; għaliex "quod nullum est nullum producit effectum";

Illi b'sentenza tal-25 ta' Marzu 1950, dina l-Qorti rriteniet illi l-kwistjoni sollevata mill-konvenut ma setgħetx tiġi mogħtija b'eċċezzjoni, imma b'azzjoni, u għalhekk iddeċidiet billi ordnat is-sospensjoni tat-trattazzjoni ta' dik il-kawża, u tat lill-konvenut nomine xahar żmien biex fih, jekk kien irid, jagħmel l-azzjoni li jikkunsidra opportuna dwar l-att li kien fil-kwistjoni;

Illi għalhekk ġiet il-kawża tal-lum, fejn il-kwistjoni sollevata b'eċċezzjoni f'dik il-kawża mill-Avukat Dottor Edoardo Vassallo, bħala kuratur ta' l-eredità ġjaċenti ta' Laura Galea, qiegħda tiġi issa ventilata b'azzjoni mill-eredi ta' l-imsemmija Laura Galea;

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti Galea;

Illi f'dina l-kawża l-atturi qegħdin jidhru bħala eredi ta' Laura Galea. *Fil-kawża l-oħra kienet konvenuta l-eredità ġjaċenti* ta' Laura Galea. Kwindi hija dejjem dik l-eredità li qiegħda tidher fiż-żewġ kawżi. Konsegwentement l-atturi, fil-kwalità li jidhru fiha, mhumiex jagħmlu ħaġ'oħra ħlief bħal li kieku jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Laura Galea, minflok bħala kuraturi ta' dik l-eredità, bħala eredi stess ta' Laura Galea. U għalhekk ma hemmx bżonn li huma jassumu l-atti tal-kawża l-oħra;

Ikkunsidrat;

Illi jidher li għal legati mħollijin minn Edoardo Montebello Pulis huma kjamati biex jikkonsegwuhom it-tfal tal-konvenut Edoardo Galea u l-konvenut Debono Edoardo Montebello Pulis kien missier Laura Galea, u nannu ta' l-atturi. Dawn jippretendu li l-lodo pronunzjat mill-Avukat Dottor Caruana (fol. 6) huwa null, għaliex huwa effett u konsegwenza ta' att ieħor null. Infatti huma jgħidu li l-att tan-nomina ta' l-arbitru (fol. 5) ma ġiex firmat minn Laura Galea, li allura kienet għadha ħajja, imma mill-prokuratur u mandatarju tagħha, li kien l-Avukat Dottor Vassallo; kif ukoll għaliex il-konvenut Edoardo Galea, li ffirma wkoll dak l-att tan-nomina, kien totalment estraneu għall-oġġett ta' l-arbitraġġ, għaliex l-interessati huma wliedu bħala suċċessuri ta' ommhom;

Illi l-konvenuti jopponu t-talba, u jgħidu li l-liġi ma timpedix lill-interessati li jinnominaw arbitru per mezz ta' mandatarju tagħhom; u l-konvenut Galea jissottometti wkoll li huwa għandu interess fil-lodo, tant personalment, kemm bħala mandatarju ta' bintu u in rappreżentanza ta' ibnu minuri;

Ikkunsidrat;

Illi, kif jgħallem Touillier, il-kompromess huwa kuntratt ta' natura partikulari, li għandu r-regoli u l-isem tiegħu proprju, u li għandu ċerta analoġija mat-transazzjoni. Tant hu hekk, illi l-lodo mhuwiex impunjabili ħlief fil-każijiet li fihom jista' jiġi impunjat att ta' transazzjoni (art. 985 (2) Kap. 15; 17. 11. 1881 "Costanzo vs. Arrigo", Vol. IX, 583; 25. 2. 1885 "Pitrè vs. Bizzarelli", Vol. X, 742; 19. 10. 1885 "Vella vs. Camilleri", Vol. X, 921; 1. 12. 1885 "Busuttil vs. Camilleri", Vol. X, 971). Infatti, kif josserva Baudry-Lacantinerie (Della Transazione, para. 1203), it-transazzjoni tixbah lill-kompromess, u tiddifferixxi minnu biss in kwantu s-sagrifiċċji li għalihom il-partijiet għandhom joqgħodu jiġu determinati mill-arbitru li l-partijiet ikunu għażlu minn qabel. L-istess ħaġa jgħid Laurent (Principi di Diritto Civile, Vol. XXVIII, para. 330);

Illi minn dan li ntqal tinżel il-konsegwenza li jista' jikkomprometti biss min jista' jittransiġi, jew aħjar li l-kondizzjonijiet rikjesti għall-validità tal-kompromess huma l-istess

bħal dawk għall-validità tat-transazzjoni. L-art. 968 tal-Kap. 15 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li huwa null l-att ta' l-arbitraġġ magħmul minn amministratur, jew minn kull min ma jistax jiddisponi liberament mill-ħaġa li fuqha tkun il-kwistjoni. U ħawnhekk għandu jiġi eżaminat jekk jistax jikkomprometti, jew jittransiġi, min ikun mandatarju;

Illi l-Baudry-Lacantinerie (Della Transazione) jagħmel diversi distinzjonijiet, u jgħid li l-mandatarju konvenzjonali ma jistax jittransiġi, jew jikkompromettti, ħlief b'mandat speċjali (para. 1237); u lanqas ma jista' jittransiġi, jew jikkompromettti, il-mandatarju legali, u konvenzjonali, u ġudizzjarju, jekk ma jkollux awtorizzazzjoni speċjali (para. 1238, 1239). Il-Laurent huwa ta' l-istess fehma, u jżid igħid li f'nuqqas ta' awtorizzazzjoni analoga, l-att magħmul minn mandatarju mingħajr poteri mhux biss huwa null, imma ineżistenti. Huwa wkoll ineżistenti meta l-mandatarju jeċċedi l-limiti tal-poteri tiegħu; għax f'dan il-każ ma jkunx hemm rappreżentant, u kwindi ma jakkonsentix (loc. ċit., para. 434). L-istess ħaġa jingħad dwar il-mandatarji amministraturi mingħajr awtorizzazzjoni speċjali (para. 352);

Illi huwa veru li kulħadd jista' jagħmel per mezz ta' mandatarju dak li jista' jagħmel hu stess, salvi ċerti atti li ma jistgħux isiru ħlief "dalla persona stessa che è nel caso di farli" (Laurent, loc. ċit., Vol. XXVII, para. 401); u huwa veru wkoll illi wieħed jista' jikkompromettti anki per mezz ta' prokuratur, basta, però, li l-mandat għal dan l-iskop ikun, mhux biss espress, imma wkoll speċjali. Din id-distinzjoni, speċjalment fil-każi bħal dak taħt eżami, hija wisq importanti. "Si avverta di non confondere il mandato espresso col mandato speciale; imperocchè il mandato può essere espresso senza essere speciale, e vice versa, può essere speciale e non espresso. Quello che costituisce il mandato speciale è la determinazione degli affari che il mandatario ha potere di trattare; laddove quello che lo costituisce espresso è la manifestazione della volontà del mandante che il mandatario possa compiere atti che eccedono l'ordinaria amministrazione" (Ricci, Diritto Civile, Vol. IX, para. 70, pag. 123, ediz. 1886);

Issa, bl-iskrittura tat-22 ta' Settembru 1941 (fol. 27), l-attur ġie minn Laura Galea nominat "mandatarju in ġene-

rali u amministratur tal-beni tagħha, bil-fakoltajiet kollha li tagħti l-liġi, kompriża l-fakoltà li jagħmel aljenazzjonijiet u trasferimenti anki ta' beni stabili, li jipoteka l-beni tagħha u li jagħmel atti oħra ta' dominju.............., kompriżi wkoll il-fakoltajiet espressi fl-art. 1632 u 1634 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868''. Apparti jekk l-espressjoni "kompriżi l-fakoltajiet espressi fl-art. numri 1632 u 1634 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868'', timportax, kif il-konvenuti jidhrilhom li timporta, il-fakoltà espressa mogħtija minn Laura Galea lill-attur, liema kwistjoni dina l-Qorti, meta hemm riżultanzi oħra, ma jidhirlix li għandha tidħol fiha, huwa fatt li anki jekk Laura Galea tat lill-attur il-mandat espress li jittransiġi u jikkomprometti, dak il-mandat ma kienx speċjali, u għalhekk, fit-termini tad-dottrina fuq imsemmija, l-attur ma kellux il-fakoltà mill-mandanti tiegħu li jinnomina arbitru għall-finijiet li jagħmel dik it-transazzjoni jew kompromess in partikulari, imsemmi fil-fol. 6 tal-proċess. U biex jiġi mfisser aħjar dan il-prinċipju, jiġi hawn kwotat testwalment il-Laurent in propożitu:— "La stessa facoltà di transigere va interpretata restrittivamente. *Bisogna vedere su che cada il mandato e quale sia stata l'intenzione del mandante.* Si deve diffidare delle formole usuali che sembrano talvolta attribuire al mandatario un potere che il mandante non ha inteso affidargli. Vi ha su questo punto una eccellente sentenza della Corte di Bruxelles. Una procura portava facoltà di prelevare e di riscuotere qualsivoglia reddito e credito del costituente, agire contro tutti i debitori insolventi, tanto davanti a qualunque giudice di pace e conciliatore, quanto davanti a qualunque tribunale di circondario o *dipartimento, trattare, comporre*, transigere, citare, difendersi, fare opposizioni, accordare termini e dilazioni. Ci fermiamo, perchè occorrerebbe una pagina per transcrivere questa interminabile procura. Si apre una eredità, alla quale la mandante è chiamata con altri successibili. Il tribunale ordinò di tentare una conciliazione, e rimandò all'uopo le parti avanti un giudice delegato. Il nostro mandatario vi si presentò in nome della sua costituente. Intervenne una transazione. Quando le parti ne chiesero l'esecuzione, la mandante *obbiettò che essa non aveva inteso mai accordare al suo mandatario* la facoltà di fare una simile transazione. Si opposero

i termini dell'atto. La Corte di Bruxelles stabilisce anzitutto il principio che le procure devono essere strettamente interpretate. Ora la procura in controversia autorizzava bensì il mandatario alle materie per le quali la mandante gliel'aveva accordata. Il mandato aveva per *oggetto* la *riscossione* dei crediti della costituente e l'escussione dei debitori. Era dunque soltanto negli atti rivolti contro i debitori che il mandatario aveva diritto di transigere. La Corte aggiunge una considerazione di fatto, che ha la sua importanza, trattandosi di interpretare le convenzioni. Quando fu steso l'atto, dice la sentenza, la clausola vaga e *indeterminata colla quale il* mandante autorizzava il mandatario a transigere si trovava inserta come clausola d'uso in tutte le consimili procure, pel motivo che colui che era incaricato di procedere contro i debitori del mandante doveva farli citare all'ufficio di conciliazione, ove i mandatari non potevano essere sentiti se non facevano constare che il loro mandato li autorizzava a conciliare ed a transigere" (Principi di Diritto Civile, Vol. XXVIII, para. 433, pag. 375) ;

Illi fuq dana t-tagħlim ma jidher x li Laura Galea, meta bl-iskrittura tat-22 ta' Settembru 1941 innominat lill-attur "mandatarju in ġenerali u amministratur tal-beni tagħha", kellha l-*intenzjoni, anki jekk qatt tagħtu wkoll il-fakoltà* espressa li jittransiġi u jikkomprometti — ħaġa li ma tirriżultax biżżejjed — illi tagħtih ukoll il-fakoltà speċjali li jinnomina arbitru għall-kompromess in partikulari, li sar kważi sitt snin wara dak in-nhar, jiġifieri fl-4 ta' Ġunju 1947. Mhux probabili, u lanqas possibili, li fiż-żmien meta saret il-prokura *Laura Galea kellha l-ħsieb li kellha tinħass il-ħtieġa ta' dak il*-kompromess. Huwa veru li l-attur xehed illi lil Laura Galea kien igħidilha li l-Professur Caruana kien ħa l-passi, u li kien qiegħed jaħdem fix-xogħol, u li kien taħom il-parir, u li kien jinfurmaha mix-xogħol in konnessjoni ma' dik l-iskrittura li kienu għamlu (fol. 19 tergo) ; imma jibqa' dejjem li fil-fatt ma kienx hemm min-naħa ta' Laura Galea l-mandat speċjali lill-attur biex dana jinnomina arbitru u jersaq għall-kompromess fuq il-vertenza li saret fuqu, u jiffirmah. L-istess attur xehed li Laura Galea ma kienetx bniedma li kien jiddiskuti magħha ; hija kienet tirrimetti ruħha għalih "fit-termini u fil-

limiti tal-mandat" (fol. 20). Fil-prokura ma kienx hemm il-fakoltà li l-attur seta' jinnomina arbitru u jikkomprometti xi vertenza, wisq anqas il-vertenza fil-kwistjoni. Barra minn dan, l-attur, mingħajr ebda kontradizzjoni, qal ukoll li huwa, fil-preżenza tal-konvenuti, osserva li ma riedx jiffirma l-att tan-nomina ta' l-arbitru; tant li l-avukat tal-konvenut Galea, li kien preżenti, wara li qara t-test tal-liġi, insista li l-att tan-nomina jiġi firmat minn Laura Galea (fol. 18 tergo). L-attur, bħala prokuratur ta' Laura Galea, kellu l-poter li jagħmel dak kollu li kien meħtieġ għall-eżekuzzjoni ta' l-inkariku (P.A. 8. 2. 1936, "Sutch vs. Cini", Vol. XXIX — II — 368), imma dan l-*inkariku kien semplicement* dak ta' "mandatarju in ġenerali u amministratur tal-beni tagħha", ċjoè ta' Laura Galea, u mhux ukoll li jittransiġi u jikkompromettí xi vertenza. jew almenu dik imsemmija fil-lodo (fol. 6). Kuntrarjament għal dak li jissottometti l-konvenut Debono, l-attur ma għamel l-ebda att kolpuż; għaliex, kif ġa ntqal, huwa ma riedx jiffirma l-att tan-nomina, *billi deherlu li ma setax jiffirmah* hu; u huwa wera dik l-opinjoni tiegħu quddiem il-konvenuti, li kienu assistiti b'avukat. Huwa ffirma dak l-att fuq ir-responsabilità tal-konvenuti — "iffirmajtha bl-idea li min ma joqgħodx fuqha, wieħed jista' jagħmel li għandu jagħmel" (fol. 18 tergo). Anki l-ħlas ta' l-arbitru minn naħa tiegħu sar b'dik il-fehma, u l-attur, bħala prokuratur ta' Laura Galea, kellu d-dritt kollu, anzi l-obligu, li jagħmel dak kollu li kien jidhirlu li kien fl-interess tal-mandanti tiegħu;

Għalhekk l-att tan-nomina ta' l-arbitru (fol. 5) huwa null, għaliex l-attur, anki jekk kellu l-fakoltà espressa li jittransiġi u jikkompromettí — ħaġa li ma rriżultatx biżżejjed — ma kellux il-fakoltà speċjali li jaddivjeni għall-kompromess *in partikulari* fuq il-vertenza fil-kwistjoni minn għand il-mandanti tiegħu; konsegwentement huwa null ukoll il-lodo (fol. 6) konsegwenzjali għal dik in-nomina;

Illi dak li ntqal fuq b'rigward ta' l-attur jirriferixxi wkoll għall-konvenut Edoardo Galea, li ma setax personalment jid-*disponi liberament mill-ħaġa li fuqha kienet il-kwistjoni*, u kwindi ma kienx interessat fiha. Huwa ma speċifikax, fl-att tan-nomina ta' l-arbitru, liema kienu l-kwalitajiet li kien qiegħed jidher fihom f'dak l-att, u hemm jidher li huwa deher

f'ismu proprju. Fil-kawża l-oħra huwa speċifika li kien qiegħed jidher bħala mandatarju ta' l-assenti Rosa mart Murrough Brian O'Brien u bħala rappreżentant leġittimu tal-minuri Alberto Galea, uliedu. L-istess ħaġa huwa qal fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu f'din il-kawża (fol. 10). Apparti jekk dan hux biżżejjed, ladarba fl-att tan-nomina din l-ispeċifikazzjoni ma tidherx, u apparti jekk huwa setax, mingħajr ebda awtorizzazzjoni, jidher għal dik in-nomina in rappreżentanza tat-tifel tiegħu minuri, jibqa' dejjem li l-konvenut Galea ma setax jaddivjeni għan-nomina ta' l-arbitru u jiffirma l-lodo bħala mandatarju ta' bintu Rosa O'Brien; u dan għall-istess raġunijiet fuq imsemmijin, li għalihom ma setax jinnomina arbitru u jiffirma l-lodo l-attur bħala mandatarju ta' Laura Galea. Hu x'inhu, ladarba l-att tan-nomina ta' l-arbitru huwa null għar-rigward ta' l-attur, jibqa' dejjem null anki kieku kien validu għar-rigward tal-konvenut Galea;

Illi n-novità tal-kwistjoni tissuġġerixxi temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Galea, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u fil-meritu, billi tilqa' t-talba ta' l-atturi fil-kwalità li jidhru fiha fl-att taċ-ċitazzjoni. L-ispejjeż jitħallsu terz mill-atturi nomine, terz mill-konvenut Galea, u terz mill-konvenut Debono.